**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2005**

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IR-RABA' SENA MALTI (FEHEM MIS-SMIGĦ) ĦIN: 20 MINUTA**

## Karta ta' l-Għalliem/a

## Gwida għat-tmexxija ta' l-eżami tal-Fehem mis-Smigħ

**Riżorsi:**

**1.** Test li jinqara
**2.** Karta tal-mistoqsijiet
**3.** Riga u lapes

INTRODUZZJONI: Jitqassmu l-karti bil-mistoqsijiet u t-tfal jintalbu jiktbu isimhom, kunjomhom u l-isem tal-klassi.

**L-għalliem/a j/tgħid lit-tfal li**

| | | |
|---|---|---|
| **1.** | • se tinqralhom l-istorja ***"Is-Sinjura Ċettina".***<br>• għandhom jisimgħu b'attenzjoni waqt dan l-ewwel qari.<br>• ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan l-ewwel qari. | **(3 minuti)** |
| **2.** | • jaqraw il-mistoqsijiet mogħtija waqt li l-għalliem/a j/taqrahomlhom għal darba. | **(3 minuti)** |
| **3.** | • jaqilbu l-karta tal-mistoqsijiet u jisimgħu t-tieni qari tat-test.<br>• ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan it-tieni qari. | **(3 minuti)** |
| **4.** | • għandhom iwieġbu billi jagħmlu sing taħt it-tweġiba t-tajba.<br>• jimmarkaw waħda biss għal kull mistoqsija. | **(5 minuti)** |
| **5.** | • se jinqralhom it-test għat-tielet darba.<br>• jistgħu jkomplu xi mistoqsijiet li ħallew barra waqt dan it-tielet qari. | **(3 minuti)** |
| **6.** | • jiċċekkjaw it-tweġibiet, ikomplu dawk li m'għamlux u jkunu ċerti li mmarkaw waħda bħala tweġiba. | **(3 minuti)** |

**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2005**
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IR-RABA' SENA MALTI (FEHEM MIS-SMIGĦ) ĦIN: 20 MINUTA**

# Is-Sinjura Ċettina

1. Is-sinjura Ċettina kienet mara anzjana. Hija kienet tgħix f'dar fqira u ċkejkna. Kif tiftaħ il-bieb tad-dar kien hemm il-kċina. Mit-Tnejn sal-Ġimgħa Ċettina kienet tagħmel u taħmi l-ħelu. Fis-Sajf kienet tħalli l-bieb ta' barra miftuħ. Hi kienet tgħid li ma tissaportix bis-sħana li kien ikun hemm.

2. Sandro kien joqgħod bieb ma' bieb ma' Ċettina. Hu kellu disa' snin. Kien sar ħabib kbir tagħha tant li kien isejħilha 'nanna Ċettina'. Fis-Sajf kien jgħaddi ħafna ħin bil-qiegħda fuq l-għatba tal-bieb tagħha. Sandro kien jitkellem magħha u jiggustaha tħawwad ir-riċetti tal-ħelu. Ma kienx jaf għalfejn tagħmel dawk il-gallettini u l-pastini kollha. Żgur li ma kinitx tikolhom kollha hi!

3. "Għal min tagħmlu dan il-ħelu kollu, nann?" kien spiss isaqsiha kurjuż Sandro. Imma hi kienet titbissem u ma tgħidlu xejn.

4. Mit-Tnejn sal-Ġimgħa kellha lista ta' ħelu x'tagħmel. It-Tnejn kienet tlesti l-gallettini tal-ġinġer, it-Tlieta gallettini bil-biċċiet taċ-ċikkulata, l-Erbgħa gallettini bil-passolina, il-Ħamis pastini biċ-ċirasa fil-wiċċ u l-Ġimgħa pastini tal-lewż. Meta jibirdu kienet tpoġġihom f'landa biex jibqgħu friski.

5. Is-Sibt filgħodu kienet toħroġ mid-dar liebsa pulit aktar mis-soltu. Kienet iġġorr bagalja qadima f'id waħda u bastun fl-id l-oħra. Sandro kien jiġri lejha u jgħidilha, "Ħa nerfagħhielek jien dik il-bagalja, nann." U hi tirrispondih, "Taħseb li tiflaħha? Tqila ftit tafx!"

6. Imma Sandro kien jaqbad il-bagalja u jimxi ma' Ċettina sal-karozza tal-linja. X'ħin tirkeb kien inewlilha l-bagalja u hi ddaħħal idha fil-but u toħroġ borża. "Ħudha. Din għalik. Grazzi, kemm tgħinni," kienet tgħidlu.

7. Kif jasal id-dar kien jiftaħha u jsib dejjem l-istess: tnejn minn kull tip ta' ħelu li tkun għamlet matul il-ġimgħa. Kemm kien jieħu gost jaqsamhom mal-ġenituri tiegħu!

8. Imma fejn kienet tmur jew x'kienet tagħmel bil-ħelu li tlesti, għadu sa llum misteru għal Sandro!

# Is-Sinjura Ċettina

**Agħmel sing taħt l-aħjar tweġiba.**

1. Is-sinjura Ċettina kienet toqgħod ġo dar:
   - kbira u sabiħa.
   - ġdida fjamanta.
   - b'ħafna kmamar.
   - żgħira u fqira.

2. Ċettina kienet:
   - żagħżugħa.
   - tifla.
   - xiħa.
   - kattiva.

3. Fis-Sajf kienet tiftaħ il-bieb ta' barra biex:
   - jidħol Sandro.
   - jgħaddi l-frisk.
   - jidħol min irid.
   - joħroġ il-qattus.

4. Fis-Sajf Sandro kien jgħaddi ħafna ħin:
   - ħdejn il-baħar.
   - fuq il-bejt tad-dar.
   - fuq l-għatba ta' Ċettina.
   - jiġri bir-rota.

5. Ċettina kienet tagħmel il-ħelu:
   - kull nhar ta' Ħadd.
   - nhar ta' Sibt.
   - mit-Tnejn sal-Ħadd.
   - mit-Tnejn sal-Ġimgħa.

6. Kull ġimgħa kienet tlesti:
- gallettini u pastini.
- gallettini biss.
- pastini u rowli-powli.
- għaġin u torti.

7. Kienet terfagħhom fil-landa:
- kif ikunu sħan.
- jumejn wara.
- meta jiksħu.
- s-Sibt filgħodu.

8. Is-Sibt kienet toħroġ mid-dar:
- b'libsa qadima.
- bil-landa f'idejha.
- bil-basket wara daharha.
- bil-bagalja u l-bastun.

9. Sandro kien jgħix:
- mal-ġenituri tiegħu.
- fl-istitut.
- man-nanna.
- ma' missieru biss.

10. Fil-borża li tagħtih Ċettina kien ikollu:
- ftit flus.
- pastini u gallettini.
- erba' ċikkulatini.
- ħames frottiet.

11. Sandro u Ċettina kienu:
- qraba.
- miġġildin.
- ġirien.
- aħwa.

12. Sandro:
- sar jaf fejn tmur Ċettina.
- qatt ma sar jaf fejn kienet tmur.
- ma riedx ikun jaf fejn tmur.
- rikeb warajha f'tal-linja.

# EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2005

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IR-RABA' SENA     MALTI (FEHEM MIS-SMIGĦ)     ĦIN: 20 MINUTA**

**Isem u Kunjom: ______________________________________**

**Klassi: __________________________**

| Tikteb xejn qabel ma tingħata l-ordni.<br>Oqgħod attent/a l-ħin kollu.<br>Ara li tkun weġibt sewwa. |
|---|

Marki: 1 – 9 (marka kull waħda)
10 – 12 (2 marki kull waħda)
Total: 15-il marka

# Is-Sinjura Ċettina

**Agħmel sing taħt l-aħjar tweġiba.**

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Is-sinjura Ċettina kienet toqgħod ġo dar: | kbira u sabiħa.<br>ġdida fjamanta.<br>b'ħafna kmamar.<br>żgħira u fqira. |
| 2. | Ċettina kienet: | żagħżugħa.<br>tifla.<br>xiħa.<br>kattiva. |
| 3. | Fis-Sajf kienet tiftaħ il-bieb ta' barra biex: | jidħol Sandro.<br>jgħaddi l-frisk.<br>jidħol min irid.<br>joħroġ il-qattus. |
| 4. | Fis-Sajf Sandro kien jgħaddi ħafna ħin: | ħdejn il-baħar.<br>fuq il-bejt tad-dar.<br>fuq l-għatba ta' Ċettina.<br>jiġri bir-rota. |
| 5. | Ċettina kienet tagħmel il-ħelu: | kull nhar ta' Ħadd.<br>nhar ta' Sibt.<br>mit-Tnejn sal-Ħadd.<br>mit-Tnejn sal-Ġimgħa. |
| 6. | Kull ġimgħa kienet tlesti: | gallettini u pastini.<br>gallettini biss.<br>pastini u rowli-powli.<br>għaġin u torti. |
| 7. | Kienet terfagħhom fil-landa: | kif ikunu sħan.<br>jumejn wara.<br>meta jiksħu.<br>s-Sibt filgħodu. |

8. Is-Sibt kienet toħroġ mid-dar:
   - b'libsa qadima.
   - bil-landa f'idejha.
   - bil-basket wara daharha.
   - bil-bagalja u l-bastun.

9. Sandro kien jgħix:
   - mal-ġenituri tiegħu.
   - fl-istitut.
   - man-nanna.
   - ma' missieru biss.

10. Fil-borża li tagħtih Ċettina kien ikollu:
   - ftit flus.
   - pastini u gallettini.
   - erba' ċikkulatini.
   - ħames frottiet.

11. Sandro u Ċettina kienu:
   - qraba.
   - miġġildin.
   - ġirien.
   - aħwa.

12. Sandro:
   - sar jaf fejn tmur Ċettina.
   - qatt ma sar jaf fejn kienet tmur.
   - ma riedx ikun jaf fejn tmur.
   - rikeb warajha f'tal-linja.

**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2005**

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| **IR-RABA' SENA** | **MALTI (KITBA)** | **ĦIN: Siegħa** |
|---|---|---|

Isem ________________________________

Skola ________________________________

Klassi ________________________________

TOTAL TAL-MARKI

AQRA SEWWA DAN LI ĠEJ:

- Imla ismek, l-isem ta' l-iskola u l-klassi. TAQLIBX IL-PAĠNA QABEL JGĦIDULEK.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ara li tkun fhimt sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn; imbagħad erġa' ppruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, erġa' ara l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.



**Malti 2005**

**Aqra sewwa l-istorja t'hawn taħt.**

**Wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

**In-numri fit-tarf tal-paragrafi jgħinuk issib it-tweġibiet.**

## Is-Sinjali fl-Ajruport

Karen ma raqditx bl-eċċitament u kellha seba' mitt sena biex jisbaħ il-jum ta' wara. L-għada kienet ġejja z-zija Miriam mill-Amerka. Karen kellha madwar tliet snin l-aħħar li rat liz-zija Miriam. Ma tantx baqgħet tiftakarha. Iżda z-zija ma kinitx ġejja waħedha. Karen kienet se tara għall-ewwel darba lill-kuġin tagħha Alan. *(Paragrafu 1)*



Meta l-għada marru l-ajruport, saru jafu li l-ajruplan ma kienx se jinżel fil-ħin. Għalhekk kellhom jistennew madwar siegħa oħra. Karen daret dawra ma' l-ajruport u ndunat li kien mimli b'ħafna sinjali bl-istampi. *(Paragrafu 2)*

Il-mamà ta' Karen fehmitha li s-sinjali bl-istampi huma importanti daqs is-sinjali bil-kliem, speċjalment fl-ajruport. Fl-ajruport jiġu nies minn pajjiżi differenti. Għalhekk min ma jifhimx il-kitba, xorta jista' jsib fejn jixtieq imur. Kull sinjal juri fejn qegħdin il-postijiet differenti ta' l-ajruport fosthom ir-ristoranti, minn fejn tidħol, minn fejn toħroġ u fejn hu t-taraġ.

*(Paragrafu 3)*



"Kull post li mmur nista' nitgħallem xi ħaġa", qalet Karen bejnha u bejn ruħha. "Illum tgħallimt kemm huma importanti

s-sinjali bl-istampi li naraw. Dawn jistgħu jgħinuna daqs is-sinjali bil-kliem," kompliet taħseb waħedha. *(Paragrafu 4)*



Meta sar il-ħin biex jinżel l-ajruplan telgħu bil-lift. Marru fil-gallarija minn fejn setgħu jaraw il-passiġġieri niżlin mill-ajruplan. Kien hemm folla nies tittawwal mill-gallarija. Il-mamà għarfet liz-zija u għalhekk niżlu isfel biex jilqgħuha. *(Paragrafu 5)*

**A. Agħmel sing taħt il-kelma t-tajba:**

1. a. It-tifla kien jisimha (Miriam, Karen, Rita, Sandra).
   b. Iz-zija tagħha kienet ġejja mill- (Amerka, Eġittu, Ingilterrra, Italja).
   ċ. Karen u Alan kienu (aħwa, zijiet, neputijiet, kuġini).
   d. Miriam u Alan kienu ġejjin (bil-vapur, bl-ajruplan, bix-xarabank, bil-ħelikopter).

**Issa wieġeb il-mistoqsijiet b'sentenzi sħaħ:**

2. Għaliex Karen marret l-ajruport mal-familja tagħha? *(Paragrafu 1)*

_______________________________________________

3. Lil min kienet se tara għall-ewwel darba Karen? *(Paragrafu 1)*

_______________________________________________

4. X'rat Karen fl-ajruport? *(Paragrafu 2)*

_______________________________________________

5. Għaliex is-sinjali fl-ajruport huma importanti? *(Paragrafu 3)*

_______________________________________________

6. Semmi żewġ sinjali li tista' ssib fl-ajruport. *(Paragrafu 3)*

_______________________________________________

7. Fejn telgħu biex jaraw lill-passiġġieri niżlin mill-ajruplan? *(Paragrafu 5)*

_______________________________________________

8. Xi jfissru dawn l-**idjomi**?

Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba:

a. **kellha seba' mitt sena** (*Paragrafu 1*)
- kienet ser tagħlaq seba' mija
- ma kellhiex sabar tistenna
- kienet xiħa ħafna



b. **bejnha u bejn ruħha** (*Paragrafu 4*)
- qalet f'qalbha
- qalet lill-ħabiba tagħha
- qalet lill-erwieħ

9a. Kelma waħda flok **"nies li jivvjaġġaw"** *(Paragrafu 5)* hija ___________.

9b. Kelma waħda flok **"ħafna nies"** *(Paragrafu 5)* hija __________________.

10. Daħħal **kelma waħda** fil-vojt biex tagħti sens lis-sentenza:

F'kull post li mmorru nistgħu __________________ xi ħaġa.

**(15-il marka)**

## B. Niżżel il-verb fil-vojt:

Eżempju. Fis-Sajf **<u>ħdimt</u>** (ħ – d – m) mas-sajjieda.

1. Il-ġimgħa l-oħra Karen _____________ (k-t-b) liz-zija Miriam.
2. Iz-zija Miriam u Alan ____________ (r-k-b) fuq l-ajruplan.
3. L-ajruplan _____________ (n-ż-l) fil-ħdax u nofs.
4. Iz-zija Miriam u Alan marru ___________ (r-q-d) għand in-nanna.
5. Alan beda jibki għax ____________ (t-l-f) il-karozza tal-logħob.



**(5 marki)**



## Ċ. Imla l-vojt bl-aħjar kliem:



Fil-festa Karen ______________ sal-pjazza tar-raħal maz-zija Miriam u l-kuġin Alan. Riedu jaraw il-vara tal-patrun tar-raħal ħierġa mill-______________. It-toroq kienu ______________ bil-pavaljuni u l-bandalori. Il-faċċata tal-knisja kienet mixgħula b'ħafna ______________ ikkuluriti. Fil-pjazza raw il-kjosks ibiegħu ________________ differenti bħal pastizzi u mqaret. Ħdejn il-knisja ____________ l-għajta tal-bejjiegħa tal-qubbajt, "Iż-Żebbuġi hawn!" Malli n- ______________ raw l-istatwa ħdejn il-bieb tal-knisja bdew iċapċpu. Il-banda bdiet ______________ l-innu tal-qaddis patrun. Fl-istess ħin semgħu l-ħsejjes tal-murtali u d-______________ tal-qniepen. Bżieżaq u biċċiet tal-________________ kkuluriti bdew niżlin għal fuq l-istatwa. Karen ________________ ħafna l-festa tar-raħal.



**(11-il marka)**

## D. Oħroġ in-nom mill-verb li għandu sing taħtu f'dawn is-sentenzi:

Eż. Karen **daret dawra** ma' l-ajruport.



1. L-għalliem **ħataf** ____________ lit-tfal imqarbin.
2. Il-klieb **xorbu** ____________ ilma għax kellhom ħafna għatx.
3. It-tfal **talbu** _____________ lill-patrun tar-raħal.
4. Stefan **qasam** _______________ rasu meta waqa'.
5. Marija **raqdet** ______________ twila wara ġurnata xogħol.

**(5 marki)**

**E. Agħti tifsira lill-istampa billi taqta' sing taħt it-tweġiba t-tajba.**

L-ewwel waħda lesta.



1. a. Tista' ssuq ir-rota hawnhekk.
   b. Ma tistax issuq ir-rota hawnhekk.
   ċ. Ma tistax iġġib żewġ roti hawnhekk.



2. a. Tkissirx il-barmil taż-żibel.
   b. Tarmix fl-art iżda fil-barmil taż-żibel.
   ċ. Farfar il-barmil taż-żibel.



3. a. Hawnhekk hawn ajruport.
   b. Hawnhekk hawn ħanut tal-kotba.
   ċ. Hawnhekk hawn ristorant.




4. a. Ma tistax tipparkja l-karozza hawn.
   b. Ma tistax tieqaf hawn.
   ċ. Tista' tipparkja l-karozza hawn.



5. a. Attent għax hawn ħaddiema qed jaħdmu fit-triq.
   b. Attent għax hawn l-għelieqi.
   ċ. Attent għax tista' taqa'.

**(4 marki)**

**F. F’Malta, il-familja ta’ Karen ħadet liz-zija u l-kuġin jaraw xi postijiet ta’ interess.**
**Ħares tajjeb lejn it-tabella.**

| **Ħinijiet Tal-Ftuħ** |
|---|
| **Xitwa**: 9.00 ta’ filgħodu – 5.00 ta’ filgħaxija<br>**Sajf**: 9.00 ta’ filgħodu – 1.00 ta’ wara nofsinhar |
| **Ħlas**: Lm 1 kull persuna<br>Lm 5 (grupp ta’ 10 persuni) |
| Tfal taħt l-10 snin b’xejn<br>Trid turi l-biljett fil-bieb |

**Imla l-vojt skond din it-tabella.**

**Uża kliem flok numri fejn hemm bżonn.**

1. Il-mużew jiftaħ fid-________________ ta’ filgħodu.
2. Fix-Xitwa jdum miftuħ sal-_______________ ta’ filgħaxija.
3. Fis-Sajf jagħlaq fis-_______________ ta’ wara nofsinhar.
4. Biljett għal persuna waħda jiswa _____________ biss.
5. Grupp ta’ għaxar persuni jħallsu _____________ liri.

**Aqta’ sing taħt it-tajba.**

6. Il-mużew idum miftuħ għal ħin itwal (kuljum, fis-Sajf, fix-Xitwa, il-Ħadd).
7. Qabel tidħol trid turi (l-karta ta’ l-identità, l-biljett, l-flus, l-basket).
8. Tifel ta’ disa’ snin (iħallas lira, iħallas nofs lira, ma jħallas xejn, ma jistax jidħol).
9. Tfajla ta’ tnax-il sena tidħol (b’xejn, bla biljett, bil-fors, bil-ħlas).
10. Min iżur il-mużew fi grupp jaqbillu għax (jirċievi, jiffranka, jaħli, jagħti) l-flus.

**(10 marki)**

**Ġ. Waqt żjara f'xi mużew għandna nġibu ruħna tajjeb.**

**Imla l-vojt b'wieħed minn dawn il-verbi biex turi imġiba tajba.**

| **Titfax, Tmissx, Titkellimx, Tiddejjaqx, Tikolx** |
|---|

1. ____________________ xejn minn dak li hemm għall-wiri.
2. ____________________ b'leħen għoli.
3. ____________________ ħelu jew ikel ieħor waqt li qiegħed ġol-mużew.
4. ____________________ karti jew ħmieġ ieħor fl-art.
5. ____________________ tistaqsi b'edukazzjoni fejn ma tifhimx.

**(5 marki)**

**G. Kompli billi tagħmel dak li hemm miktub fil-parentesi.**

Eż. l-ajruport kien nadif *(kelma li turi **ħafna**)* tazza**.**



1. Alan *(negattiv ta' **raqad**)* _________________ dak il-lejl.
2. Missier Karen kien *(jagħmel il-ħobż)* _______________**;** fil-għodu jkollu *(mimli forn)* _______________ ħobż x'jaħmi.
3. Mill-gallarija ta' l-ajruport setgħu jaraw l-ajruplani telgħin u *(l-kontra ta' **telgħin**)* _______________.



4. Sakemm damu hemm raw erba' *(plural ta' **titjira**)* _______________.
5. Il-bagalji tal-passiġġieri kienu *(plural ta' **tqil**)* ____________ ħafna.
6. Wara vjaġġ twil, *(poġġi l-artiklu)* ___ zija u ___ kuġin marru jistrieħu ftit.
7. *(Kmand tal-verb **ħareġ**)* " ______________ miegħi llejla!" talbet Karen lill-kuġin tagħha.
8. *(Kelma li turi **grupp**)* _________________ tfal inġabru madwar Alan.

**(10 marki)**

## GĦ. Ikteb paragrafu ta' mhux inqas minn

## GĦAXAR SENTENZI dwar WIEĦED minn dawn:





1. Fil-festa tar-raħal tiegħi
2. Għaliex inħobb lin-nanniet tiegħi
3. Mort il-bandli u weġġajt
4. Safra mal-familja tiegħi






5. Uża dawn l-istampi biex tikteb storja.

**(20 marka)**

***Tmiem il-Karta***